**23 ta' Settembru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Bernard Grech

**Assistenza Legali**

*Meta imputat impliċitament jitlob għal assistenza legali il-Qorti għandha dmir li tipprovdi għad-difiża ġusta tagħha kif jitlob l-artikolu 519 tal-Kodiċi Kriminali. Dan jista' jsir billi tipposponi (mhux tiddiferixxi) għal ftit ħin il-kawża sakemm l-imputat jinkariga avukat ieħor jew, f'każ li ma jirnexxilux jinkariga avukat ieħor, billi tinnominalu avukat jew prokuratur legali a spejjeż*

*pubbliċi. Jekk dan ma jsirx allura jkun hemm nuqqas serju li neċessarjament iwassal għall-annullament tas-sentenza.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Bernard Grech talli fit-18 ta' Novembru, 1997, għall-ħabta tal-5.15 p.m., fi Triq ix-Xgħajra, Ħaż Żabbar, saq vettura O-5403: (1) b'manjiera traskurata u (2) perikoluża, kif ukoll talli (3) b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ħabat ma' vettura Q-1739 u involontarjament ikkaġunalha ħsara a dannu ta' Lizio Agius skond Dr. R. Chircop M.D. ta' l-Isptar San Luqa; il-prosekuzzjoni talbet li l-Ewwel Qorti tiskwalifika lill-imputat mil-liċenzji tiegħu kollha tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tas-7 ta' Ottubru, 1997 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi *Bernard Grech ħati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra* tiegħu, ikkundannatu multa ta' sittin lira (Lm60) u skwalifikatu mil-liċenzja (tas-sewqan) għal perijodu ta' xahar;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Bernard Grech, minnu ppreżentat fil-15 ta' Ottubru, 1997, li permezz tiegħu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu li s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija nulla peress li quddiem dik il-Qorti hu talab assistenza legali u din ma ngħatatlux;

*Mill-verbal ta' l-udjenza tas-7 ta' Ottubru, 1997, jirriżulta*

li meta ssejħet il-kawża deher l-appellant, allura imputat, mhux assistit. L-avukat tiegħu Dott. Carmelo Mifsud Bonnici msejjaħ diversi drabi, baqa' ma deherx. F'dana l-istadju dik il-Qorti korrettement ordnat il-prosegwiment tal-kawża u dana peress li sa dan l-istadju ma kien hemm ebda talba għall-assistenza legali da parti ta' l-imputat. Wara li l-prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi, l-Ewwel Qorti staqsiet lill-imputat jekk huwa riedx jixhed u dan "wieġeb li ma jixtieqx jixhed fl-assenza ta' l-avukat difensur tiegħu u li xhieda ma kellux". B'dawn il-kliem u f'dana l-istadju l-imputat kien qiegħed impliċitament jitlob assistenza legali u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha d-dmir li tipprovdi għad-difiża ġusta tiegħu kif jitlob l-artikolu 519. Dana l-Ewwel Qorti setgħet tagħmlu jew billi tipposponi (mhux tiddiferixxi) għal ftit ħin sakemm l-imputat isib lill-avukat tiegħu jew jinkariga avukat ieħor, jew, f'każ li ma jirnexxilux jinkariga avukat ieħor, billi tinnominalu avukat jew prokuratur legali a spejjeż pubbliċi. Kieku l-Ewwel Qorti għamlet xi waħda minn dawn l-affarijiet, kien ikollha kull dritt li tkompli bil-kawża - li wara kollox hi waħda sommarja - dik il-ġurnata stess, wara li, naturalment, tagħti żmien xieraq lill-avukat jew prokuratur legali ġdid sabiex ikellem lill-imputat u jiġi debitament istruwit minnu dwar il-kawża. Fil-każ in diżamina l-Ewwel Qorti ma għamlet xejn minn dan u minflok għaddiet minnufih biex tippronunzja s-sentenza. B'hekk jiġi li fi stadju kruċjali tal-kawża, u preċiżament meta l-imputat kellu jagħżel jixhedx jew le, hu talab għal assistenza legali u din ġiet miċħuda lilu (ara fl-istess sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Ġunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Michelina Apap**). Dan kien nuqqas serju li neċessarjament iwassal għall-annullament ta' l-ewwel sentenza. U biex din il-Qorti ma tipprivax lill-partijiet u speċjalment lill-appellant, mill-benefiċċju tad-doppju eżami, ser tibgħat l-atti quddiem l-Ewwel Qorti sabiex il-kawża terġa' tinstema' mill-ġdid;

Għall-motivi premessi, tilqa' l-ewwel aggravju ta' l-

appellant u konsegwentement tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex dik il-Qorti, wara li tisma' l-provi mill-ġdid, tiddeċidi fuq l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Bernard Grech skond il-liġi.

---